MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 106/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Axisa abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Axisa (307165(M))**

**vs**

**Joseph Paris**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u sebgha u sebghin**

centezmu (Lm171.77) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Joseph Axisa assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija u sitta u erbghin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm146.77) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Joseph Axisa in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' April 2004 ghall-habta ta' 4.26pm gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur Joseph Axisa, bin-numru ta' registrazzjoni JOE-456, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni IBH-215, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju, 2004 mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjetajiet assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi t-talba attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort ta' Joseph Axisa, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta' Joseph Axisa, Warden 31 Stephen Cassar u Joseph Paris Bonello. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

**1. Il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' April, 2004 bejn il-vettura misjuqa mill-attur bin-numru JOE 456 u dik misjuqa mill-konvenut IBH 215. L-incident sehh fi Triq Aldo Moro Marsa.**
**2. Mill-provi rrizulta illi l-attur kien ghaddej fil-karreggjata ta' gewwa gej mid-direzzjoni tal-Belt u sejjer lejn Rahal il-Gdid u qabad il-karreggjata li taghti ghal Rahal il-Gdid.**
**3. Jirrizulta li kien hemm it-traffiku u l-attur ighid li meta waqaf hass daqqa fuq wara.**
**4. Il-konvenut jikkonferma li kien ghaddej fl-istess triq pero' jghid illi l-attur dahal quddiemu u pprova jiskapulah u laqtu fil-kantuniera ta' wara. Jirrizulta illi nduna bl-attur ftit sekondi qabel il-habta. Din il-verzjoni tikkombacja perfettament ma' dak li qal l-istess konvenut a tempo vergine. Kif ritenut mill-Qrati taghna l-principju huwa illi l-vejikolu li jigi milqut minn wara ma jkunx responsabbli ghall-incident pero' dan il-principju jsib ukoll il-limitazzjonijiet tieghu in kwantu wiehed irid jara jekk qabel ma l-vejikolu ta' quddiem gie milqut mill-vejikolu ta' wara, kienx hemm xi manuvra illi kkontribwiet jew irrendiet inevitabbli l-kollizzjoni. Vide f'dan ir-rigward id-decizjoni William Buhagiar vs Nazzareno Borg Vol XLIII pt i pg 243.**
**5. Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal qed isib liz-zewg partijiet responsabbli ghall-incident illi gara. Qed isib responsabbli lill-attur in kwantu dan dahal fil-karreggjata li minnha kien ghaddej il-konvenut u qed isib ukoll responsabbli lill-konvenut in kwantu dana jidher illi ma kienx qieghed sufficjentement attent ghal dak li kien qed jigri quddiemu, u ghalhekk ma lahaqx waqaf fil-hin.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib lill-partijiet responsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamsa u tmenin lira tmienja u tmenin centezmu (Lm85.88). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------